MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1906/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs.**

**Masco Security Services Ltd.**

### It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-socjeta attrici talbet il-hlas ta’ Lm457.13 dovut billi s-socjeta attrici ipprovdiet lis-socjeta konvenuta diversi servizzi ta’ approvazzjoni ta’ tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn 3 ta’ Settembru 1988 u 30 ta’ April 2001.

Ra li r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn qalet li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi mhiex il-legitimu kontradittur. Li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet; li s-socjeta attrici ma tistax tippretendi l-ebda hlas minghand is-socjeta konvenuta stante illi a tenur tal-artikolu (2) tal-Avviz Legali 220/1998 huwa r-

Regolatur tat-Telekomunikazzjoni li ghandu dritt li jesigi l-hlasijiet hemm imsemmija; li t-talba attrici hija parzjalment preskritta ai termini tal-artikoli 2148 (a) u jew 2149(c) tal-Kodici Civili; li s-socjeta attrici ma esegwietx il-funzjonijiet li taghhom jista jintalab hlas; li bla pregudizzju l-ammont pretiz huwa eccessiv billi l-ligi tipprovdi ghal Type Approval biss u ma jaghmilx sens legali apparti li hu inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga sar l-hekk imsejha Type Approval.

Ra dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 7 ta' Ottubru 2002 li fiha xehed Joe Agius, prodott mis-socjeta attrici, fejn ikkonferma li hu kien l-engineer responsabbli ghal din is-sezzjoni. Huwa qal li dak iz-zmien il-procedura kienet li meta persuna trid timporta Telecom equipment l-istess persuna kellha tmur it-Trade department, tapplika ghal-licenzja biex tkun tista ddahal Telecom equipment u kien hem bzonn tal-approval tal-Maltacom in konnessjoni ma kull applikazzjoni. Approvals isiru billi johorgu jew jaghmlu xi testijiet fuq l-oggett.

Ra x-xhieda ta l-Engineer Joseph Agius fejn spjega li qabel f'kawza ohra kien spjega li huma biex jiffrankaw iz-zmien, it-type approval kienet issir jew jezaminaw l-ogett innifsu jew li jiehdu specification sheets.

Ra x-xhieda ta' Joe Sant, prodott mis-socjeta konvenuta fejn jghid li jiehu hsieb il-customs clearance. Hu ikkonferma li kien imur il-port biex jiigbor l-items imsemmija f'Dok a fol. 18 u kien imur ghand Maltacom, jippresenta l-invoice u l-Maltacom kien jaghmlu t-type approval. Joe Sant qatt ma hadilhom sample tal-apparat u lanqas qatt ma talbuh. Sant jghid li ma' l-invoice kien ikollu l-licenzja, original delivery note izda qatt ma kellu specifications tad-dokument li kellhom jimportaw ghaliex qatt ma gie mitlub biex jiforni l-specifications.

Illi dwar l-ewwel u t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta t-Tribunal jaghmel riferenza ghal kawza Maltacom plc vs. ICL Malta Limited deciza fil-4 ta' Gunju 2002 (Avviz 1847/01 AE) fejn din l-eccezzjoni giet michuda.

Mhux konstestat li Maltacom qieghda taghti servizz. Il-ghoti ta' approvazzjoni kien mehtieg ex lege. Il-jedd ghall-hlas jiddependi mill-ghoti ta' servizz.

Ghaldaqstant l-ewwel u t-tieni u t-tielet eccezzjoni huma michudin.

Illi dwar il-preskrizzjoni s-socjeta konvenuta taghmel riferenza ghal artikoli 2148(a) (tmintax il-xahar) u jew 2149 (c) (sentejn) tal-Kodici Civili (Kap 16). Illi dawn l-artikoli ma japplikawx ghas-servizz li ingahta liema servizz huwa servizz li inghata mis-socjeta attrici li huwa mehtieg ex lege.

Is-socjeta attrici ppresentat ittra ufficjali fit-18 ta' Dicembru 2001. Is-servizz inghata bejn it-3 ta' Settembru 1998 u 30 ta' April 2001.

Ghaldaqstant r-raba eccezzjoni hi ukoll michuda.

Illi il-hames u s-sitt eccezzjoni s-socjeta konvenuta tecepixxi li s-socjeta attrici ma esegwietx il-funzjonijiet li taghhom jista' jintalab hlas u fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa eccessiv stante li malli issir Type Approval ma hemmx ghalfejn jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga sar t-Type Approval.

Illi f'din il-kawza s-socjeta attrici tippretendi Lm397.50 (fees payable on performing type approval on equipment for period September 1998 to April 2001) hemm ukoll Lm59.63 VAT.

A fol 18 tal-process hemm d-dettalji tal-type approvals mahrugin mis-socjeta attrici. Joe Agius prodott mis-

socjeta attrici xehed li jekk l-importatur jimporta "mitt jew elf oggett li huma ezatt l-istess tad-dwana jgibulna sample u ahna konna naghmlu t-test fuq is-sample".

Joe Sant ghas-socjeta konvenuta xehed bil-gurament li hu kien jiehu hsieb l-custom clearance ghas-socjeta konvenuta. Hu kien jippresenta d-dokumenti n-konnessjoni mal-oggetti li s-socjeta konvenuta kienet timporta u s-socjeta attrici kienu jghamlu timbru fejn jinghata t-Type Approval.

Ikkunsidrat li meta s-socjeta konvenuta giet biex timporta xi merkanzija ta' dan it-tip kienet taf li kellha tottjeni "Type Approval". Illi s-socjeta attrici kellha d-dover li tassikura li l-apparat importat jista jintuza f'Malta. Illi kif jidher mid-dokument esebit a fol 18 jidher li f'xi kazi ma hemmx ammont dovut ghaliex presumibilment is-socjeta attrici kienet diga harget "Type Approval" ghal istess oggett.

Illi s-socjeta attrici kellha tipprova li ghamlet x-xoghol taghha izda l-uniku xhud ma setax jiftakar jekk ezaminax hu l-items in kwistjoni. Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal arbitrio boni vir (kif huwa l-prattika tal-Small Claims Tribunal f'kazi simili ghal din) qieghed jnaqqas l-ammont dovut u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' Lm228.56. Dan ghaliex ma hemmx provi li s-socjeta attrici fil-fatt ezaminat l-oggetti n-kwistjoni.

Ghaldaqstant jilqa s-sitt eccezzjoni u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' Lm228.56 lis-socjeta attrici. Kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------